# IR-RABA' PARTI

## IT-TIENI SEZZJONI

## APPELLI KRIMINALI

8 ta' Jannar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Casasr

**Assikurazzjoni dwar Riskji ta' Terzi Persuni — Polza tas-Sigurtà — Preskrizzjoni — Azzjoni Kriminali — "Learner" — Sospensjoni tal-Liċenza tas-Sewqan — "Special Reasons" — Art. 683 tal-Kodiċi Kriminali — Art. 3(3) tal-Ord. XXXVI tal-1939**

*Għar-reat ta' sewqan ta' karrozza tal-mutur bla polza tas-sigurtà dwar riskji ta' terzi persuni l-liġi tistabbilixxi preskrizzjoni speċjali, li hija ta' sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat, jew fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-Prosekuzzjoni tkun ġiet taf bir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skond liema żmien minnhom ikun l-itwal.*

*Il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali tista' tolqot tant l-inizju tal-azzjoni kemm ukoll il-kors tagħha sakemm ma teżawrixxix ruħha naturalment bil-ġudikat; u għalhekk, anki wara li jkunu bdew il-proċeduri quddiem il-Qorti, l-azzjoni kriminali tista' taqa' bid-dekors taż-żmien stabbilit.*

*Imma l-preskrizzjoni speċjali fuq imsemmija tidderoga għar-regoli tal-preskrizzjoni limitatament għall-istadju tal-inizju tal-azzjoni kriminali; b'mod li wara l-inizju tal-proċediment il-preskrizzjoni tibqa' regolata mill-liġi ġenerali; u kwindi l-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali wara l-inizju tal-proċediment hija ta' sentejn, peress li dan ir-reat hu punib-*

*bli bil-piena ta' priġunerija jew multa li skond il-liġi ġenerali tassoġġetta r-reat għall-preskrizzjoni ta' sentejn.*

*Il-proprjetarju ta' "Motoring School" li jippermetti li persuna ssuq il-karrozza tiegħu meta din ma kellhiex il-permess tal-Pulizija, u għalhekk ma kienetx isseħħ polza tas-sigurtà jew garanzija għar-riskji ta' terzi persuni dwar l-użu tal-karrozza minn dik il-persuna, ikun ippermetta fis-sens ġuridiku tal-kelma li dik il-persuna ssuq motor car mingħajr l-assikurazzjoni meħtieġa. Li l-karrozza kellha l-"learner's plate", li l-propjetarju tal-karrozza kien riekeb ħdejn dik il-persuna, u li għall-użu minnu tal-karrozza kienet isseħħ polza tal-assikurazzjoni a favur tat-terzi, huma kollha ċirkustanzi irrilevanti għall-pożizzjoni ġuridika ta' sid il-karrozza li jkun imputat ta' dan ir-reat.*

*Iċ-ċirkustanza li, kieku ġrat il-ħsara, l-aġenzija kienet titħabat mal-kumpannija tas-sigurtà biex isir il-ħlas tad-danni "ex gratia", kif ukoll iċ-ċirkustanza li sid il-karrozza kien riekeb ħdejn min kien qiegħed jitgħallem, u li l-motor car kella l-"learner's plate", ma humiex raġunijiet speċjali biex jiġi mitigata l-piena dwar il-perijodu fissat mill-liġi għall-iskwalifika tal-ħati milli jkollu liċenza tas-sewqan.*

Il-Qorti; — Rat ir-rikors li bih l-imputat l-imsemmi Carmelo Cassar appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-3 ta' Lulju 1956, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-imputat ġie misjub ħati li ppermetta persuna ssuq motor car mingħajr ma kellha liċenza tas-sewqan u mingħajr ma kienet isseħħ polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji tat-terzi persuni, u ġie kundannat għall-multa ta' £5 u għall-iskwalifika milli jkollu liċenzi tas-sewqan għal żmien sena;

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi fis-27 ta' Ġunju 1955 l-appellant ħalla lil Mary Agius

issuq il-karrozza tiegħu nru. 2284 fit-trieq tar-Rabat, waqt li hu kien riekeb ħoejha jgħallimha. Agius ma kellhiex il-permess tal-Pulizija meħtieġ biex titgħallem issuq motor cars, u relativament għall-użu tal-karrozza minnha ma kienetx isseħħ polza tas-sigurtà jew garanzija għar-riskji tat-terzi persuni;

Illi l-appellant eċċepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali matul il-kors tal-kawża, u ħa bħala bażi l-art. 3(3) tal-Ordinanza XXXVI tal-1939 dwar l-assikurazzjoni tal-vejikoli bil-mutur;

Illi, għalkemm fiċ-ċitazzjoni hemm dedotta l-imputazzjoni dwar in-nuqqas ta' liċenza u dik dwar in-nuqqas ta' assikurazzjoni, l-imputat ġie kundannat għat-tieni imputazzjoni biss, kif jidher mill-artikoli tal-liġi ċitati fis-sentenza u mill-piena applikata; u għalhekk dan l-appell hu ċirkoskritt għat-tieni imputazzjoni;

Illi l-art. 3(3) tal-Ordinanza fuq imsemmija jiddisponi illi, non ostanti kull dispożizzjoni tal-liġi li tistabbilixxi ż-żmien li fih għandhom isiru proċeduri quddiem Qorti, il-proċediment għal reat taħt l-art. 3(3) — dak li fuqu hi bażata l-imputazzjoni "de qua" — jista' jsir fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat, jew fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-Prosekuzzjoni tkun ġiet taf bir-reat, u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skond liema żmien minnhom ikun l-itwal;

Illi l-istitut tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali hu regolat bit-Titolu VI tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali; fejn, fl-art. 683, hemm dispost illi, bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali tippreskrivi ruħha bl-għeluq taż-żmien indikat f'dak l-artikolu għad-diversi reati. Bl-artikolu 3(3) fuq ċitat il-liġi ddisponiet xort'oħra, billi rregolat, kif hemm indikat fl-istess artikolu, il-preskrizzjoni tar-reat dedott kontra l-imputat;

Illi, però, il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali tista' tolqot kemm l-inizju tal-azzjoni u kemm il-kors tagħha sakemm ma teżawrixxix ruħha naturalment bil-ġudikat; u b'hekk, anki wara li jkunu bdew il-proċeduri quddiem il-Qorti, l-azzjoni kriminali tista' taqa' bil-kors taż-żmien stabbilit (App. Krim. "La Polizia vs. Giorgia Schembri" 20 Sett. 1930; "Il-Pulizija vs. Nutar Rosario Frendo Randon", 2 ta' Mejju 1956);

Illi l-art. 3(3) fuq imsemmi qiegħed jidderoga għat-Titolu VI tal-Kodiċi, fuq il-preskrizzjoni, limitatament għall-istadju li jirrigwarda l-inizju tal-azzjoni kriminali, u mhux għal dak tal-kors tal-istess azzjoni; u dan billi jiddisponi li "għad li f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fiħ għandhom isiru proċeduri quddiem Qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir......", u fit-test Ingliż "......proceedings for an offence under this section may be brought". B'dan il-mod, iż-żmien tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali wara l-inizju tal-proċediment baqa' regolat bl-art. 683 tal-Kodiċi, u preċiżament bl-inċiż (e) ta' l-istess artikolu. Għalhekk iż-żmien tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali, wara l-inizju tal-proċediment, hu fil-każ preżenti ta' sentejn, skond l-art. 683(e) tal-Kodiċi, peress illi r-reat imputat huwa delitt punibbli bil-priġjonija għal anqas minn sena jew bil-multa, billi hu punibbli bil-multa sa £50, u/jew bil-priġjonija sa tliet xhur;

Hu ta' min jirrileva illi l-art. 3(3) tal-imsemmija Ordinanza ġie meħud testwalment minn s. 35(3) tar-Road Traffic Act, 1930, tal-Ingilterra, fejn is-sistema penali ma jirrikonoxxix il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali wara l-inizju tal-proċediment, u relativament għal dan l-istadju tal-proċeduri tviġi l-massima tal-Common Law "nullum tempus occurrit Regi". Inkwadrat, però, fis-sistema penali tal-Kodiċi Malti, dak l-artikolu jirregola l-preskrizzjoni bil-mod li ntqal;

Illi l-fatt addebitat ġara fis-27 ta' Ġunju 1955, u dak

inhar stess il-Pulizija saret taf bih. L-imputat ġie notifikat bic-citazzjoni fit-23 ta' Lulju tal-istess sena, u fis-26 tax-xahar huwa deher il-Qorti għall-kawża. Dak inhar il-kawża ġiet imħollija "sine die", iżda ġiet riappuntata għat-3 ta' Novembru ta' l-istess sena. Fit-3 ta' Novembru ġiet differita għad-29 ta' l-istess xahar, u f'din id-data reġgħet ġiet imħollija, "sine die", sakemm ġiet riappuntata għat-3 ta' Lulju 1956, meta ġiet maqtugħa. Għalhekk, il-procediment quddiem l-Ewwel Qorti beda fiż-żmien indikat fl-art. 3(3) fuq imsemmi, li f'dan il-kaz kien ta' sitt xhur mid-data tal-fatt, u matul il-kors tal-kawża ma għaddewx sentejn li fihom l-azzjoni kriminali setgħet tiġi preskritta;

Illi, għalhekk, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali opposta mill-appellant mhix sostenibbli;

Ikkunsidrat;

Illi meta l-imputat, li hu l-proprjetarju ta' "Cassar's Motoring School", ħalla lil Mary Agius issuq il-karrozza tiegħu meta din ma kellhiex il-permess meħtieġ mill-Pulizija, u għalhekk ma kienetx isseħħ polza tas-sigurtà jew garanzija għar-riskji ta' terzi persuni dwar l-użu minnha tal-karrozza, huwa "ppermetta", fis-sens ġuridiku tal-art. 3 tal-Ordinanza fuq citata, lil persuna oħra li tuża motor car mingħajr l-assikurazzjoni meħtieġa. L-imputat, proprjetarju tal-car, kien fil-pożizzjoni li jipprojbilha li ssuq, u għalhekk hu ppermettielha, għall-finijiet ta' dak l-artikolu, li tużaha (App. Krim. "Pulizija vs. Gaetano Azzopardi", 18 ta' Frar 1956). Li l-car kellha l-"learner's plate", li l-appellant kien rieкeb ħdejn dik il-persuna, u li għall-użu minnu tal-karrozza kienet isseħħ polza tal-assikurazzjoni a favur tat-terzi, huma kollha cirkustanzi irrilevanti għall-pożizzjoni ġuridika tal-imputat (App. Krim. "Pulizija vs. Francis Calleja", 7 ta' Marzu 1956). Għalhekk l-imputazzjoni tirriżulta;

Illi, kwantu għat-temperament fl-applikazzjoni tal-piena, invokat mill-imputat, il-Qorti hi awtorizzata, skond

l-art. 3(2) tal-Kap. 165, li tqassar taħt is-sena l-perijodu tas-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan, meta jirrikorru raġunijiet speċjali. Iżda f'dan il-każ ebda ċirkustanza ma rriżultat li tammonta għal raġuni speċjali; liema ċirkustanza trid tkun tirrifletti l-fatt fih innifsu, u mhux bizżejjed li tkun ta' indoli personali għall-ħati. Iċ-ċirkustanza deposta mir-rappreżentant tal-Assikurazzjoni Anthony Vinci, fis-sens li f'dan il-każ, kieku ġrat ħsara lit-terzi, l-aġenzija kienet tit-ħabat biex isir il-ħlas tad-danni "ex gratia", mhix raġuni għat-temperament invokat; għax diversament l-applikazzjoni tal-piena tiġi tvarja skond sempliċi dikjarazzjonijiet, ġeneralment ta' konvenjenza, li jsiru "post factum". Lanqas ma hi raġuni speċjali ċ-ċirkustanza li l-imputat kien riekeb ħdejn min kien jitgħallem, u li l-motor car kellha l-"learner's plates", għax inkella tiġi tinħoloq distinzjoni fit-trattament penali bejn awturi ta' dan ir-reat li jkunu "instructors" u dawk li ma jkunux — liema distinzjoni bejn kategorija u oħra fil-liġi ma hemmx;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.